ECHA

EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

FATTI & ĊIFRI

ECHA-13-L-04-MT

# Rapport Ġenerali 2012

## IS-SENA TA' VALUTAZZJONI

Fl-2012, il-prijorità tal-ECHA kienet li tiżgura li l-valutazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi u tad-dossiers jaħdmu tajjeb. L-ECHA ssodisfat l-iskadenzi stabbiliti u bniet il-kapaċità u l-effiċjenza tagħha f'dak il-qasam. L-Aġenzija bdiet ukoll tħejji għat-tieni skadenza ta' reġistrazzjoni REACH li ser tkun il-31 ta' Mejju 2013.

Sabiex tħejji għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni 2013, l-ECHA aġġornat xi wħud mis-sistemi tal-IT u l-għodod tagħha. L-ECHA għenet ukoll kumpaniji, speċjalment SMEs, sabiex iħejju għall-iskadenza 2013. L-Aġenzija aġġornat Dokumenti ta' gwida, u organizzat workshops u webinars, li xi wħud minnhom kellhom fil-mira lir-reġistranti prinċipali. Ipprovdiet ukoll appoġġ lir-reġistranti permezz tal-Helpdesk tagħha.



### L-ILĦUQ TAL-MIRI TA' VALUTAZZJONI

Il-valutazzjoni hija l-element ewlieni biex jinkiseb l-ewwel għan strateġiku tal-ECHA: it-titjib tal-kwalità ta' informazzjoni fid-dossiers li tissottometti l-industrija. Il-ħidma ta' valutazzjoni tad-dossiers saret aktar effiċjenti u aktar mgħaġġla fl-2012 u l-ECHA tinsab 'il quddiem fit-triq li tilħaq l-għan tagħha li sal-aħħar tal-2013 tikseb il-mira ta' 5% għad-dossiers bl-ogħla medda ta' tunnellaġġ sottometti sal-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni fl-2010. Barra minn hekk, l-Aġenzija eżaminat il-proposti kollha ta' ttestjar sal-1 ta' Diċembru 2012 li kien ġew sottomessi għall-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni.

Fl-2012, l-ECHA u l-Istati Membri tal-UE adottaw l-ewwel pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) u elenkaw 90 sustanza kimika li għandhom jiġu evalwati qabel tmiem l-2014.

### L-ILĦUQ TAL-MIRI TA' AWTORIZZAZZJONI

L-ECHA laħqet il-mira tal-Kummissjoni Ewropea li jiżdiedu 67 sustanza kimika oħra fil-Lista ta' Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) għal awtorizzazzjoni. Il-lista issa tinkludi 138 sustanza kimika u l-konsumaturi jistgħu jitolbu informazzjoni dwarhom mingħand il-bejjiegħa. Dan jgħin lill-konsumaturi biex jagħżlu x'jixtru.

il-mira li jiġu valutati t-talbiet ta' kunfidenzjalità kollha ntlaħqet ukoll. Dawn kienu t-talbiet fid-dossiers ta' reġistrazzjoni li kienu ġew sottomessi qabel tmiem l-2011. Il-valutazzjoni tat-talbiet ippermettiet il-pubblikazzjoni ta' madwar 30 000 dossier li jkopru kważi 8000 sustanza kimika fuq is-sit elettroniku tal-ECHA fl-2012.

## PROPOSTI TA' RESTRIZZJONI ĠODDA

L-ECHA assistiet lill-Kummissjoni Ewropea fil-proposti ta' restrizzjoni u appoġġat lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib ekwivalenti li għandhom jiżdiedu fil-Lista ta' Kandidati ta' SVHCs. Għall-ewwel darba ġew inklużi u proposti għal restrizzjoni interferenti endokrinali, sustanzi PBT u sensitizzaturi.

## KOMPITI ĠODDA

l-Aġenzija kienet qiegħda tlesti wkoll li żżid żewġ partijiet addizzjonali tal-leġiżlazzjoni, ir-Regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u l-PIC. Ġew irreklutati u mħarrġa esperti ġodda u ġew żviluppati proċeduri ta' ħidma u għodod tal-IT.

Minħabba dawn il-kompiti ġodda, l-ECHA saret aġenzija unika mill-angolu finanzjarju. Hija kompliet tiffinanzja b'mod awtonomu l-attivitajiet tagħha skont ir-Regolamenti REACH u CLP iżda rċeviet l-ewwel sussidji tagħha mill-UE biex tkopri r-responsabbiltajiet tagħha skont ir-regolamenti l-ġodda.

Issa li ssodisfat l-iskadenzi u l-miri u minħabba l-ħidma preparatorja li saaret fl-2012, l-ECHA hija lesta li tilqa' l-isfidi li qed tiffaċċja fl-2013.



### Iċ-ċifri tal-eżitu għall-2012

| | |
|---|---|
| **GĦAJNUNA LILL-KUMPANIJI BIEX JIKKONFORMAW MAL-LEĠIŻLAZZJONI DWAR IS-SUSTANZI KIMIĊI** | |
| Dossiers ta' reġistrazzjoni (inklużi aġġornamenti) | 9 773 |
| Notifiki PPORD ivvalutati | 610 |
| Inkjesti konklużi | 1632 |
| Talbiet għal aċċess għad-dejta li ilha aktar minn 12-il sena | 109 |
| Eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar konklużi | 416 |
| Verifiki ta' konformità konklużi | 354 |
| Talbiet għal isem alternattiv ipproċessati | 13 |
| Verifiki dwar id-daqs ta' kumpaniji | 315 |
| **L-AVVANZ TAL-UŻU SIKUR TA' SUSTANZI KIMIĊI** | |
| Proposti għal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati | 25 |
| Sustanzi Kimiċi fil-CoRAP evalwati mill-Istati Membri | 36 |
| **IL-PROVVISTA TA' INFORMAZZJONI DWAR SUSTANZI KIMIĊI** | |
| Mistoqsijiet dwar il-ħelpdesk u n-newsroom ipproċessati | ~5 700 |
| Talbiet ta' kunfidenzjalità vvalutati | 1 110 |
| **L-INDIRIZZAR TA' SUSTANZI KIMIĊI TA' TĦASSIB** | |
| Proposti ta' restrizzjoni | 5 |
| Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC | 67 |
| Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni | 0 |
| **OĦRAJN** | |
| Aċċess għal deċiżjonijiet ta' dokumenti | 70 |
| Appelli | 8 |
| Numru ta' persunal statutorju | 529 |
| Infiq totali | 95 miljun |